MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 601/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Bondin**

**vs**

**Ryan Bugeja**
**Anthony John Bugeja**
**Dwayne Difesa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Ryan Bugeja ta’ 16-il sena, bin il-mejjet John u Deborah nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ nhar is-26 t’Awwissu 1994, residenti Block I, Bieb B, Flat 4, Triq Francesco Balbi, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita’ numru 384594(M) u l-imputat Anthony John Bugeja ta’ 15-il sena bin il-mejjet John u Deborah nee’ Camilleri imwieled Pieta’ nhar it-3 ta’ Jannar 1996, residenti Block I, Bieb B, Flat 4, Triq Francesco Balbi, San

Giljan u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 17996(M) u l-imputat Dwayne Difesa ta' 16-il sena, bin Charles u Josianne nee' Dalli, imwieled Pieta' nhar id-29 ta' Marzu 1995, residenti 47, Aleander, Triq ta' Marmora, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 146595(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar is-26 ta' Marzu 2011 ghal habta tal-22.00hrs fi Triq il-Kbira, San Giljan;

a) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Samuel Cortis f'periklu car, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha, skond kif iccertifika Dr. Conrad Borg MD;

b) Fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 7 ta' Settembru 2012 (esebita a fol. 176 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2013, l-imputati ddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali maghmula mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fis-26 ta' Marzu, 2011 ghall-habta ta' 22:00hrs fi Triq il-Kbira, San Giljan fejn gew kagunati griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Samuel Cortis. Dan tal-ahhar kien irraporta lil Pulizija li waqt li huwa kien ghaddej mill-Bajja ta' San Giljan ma' grupp hbieb safa' aggredit minn tlett persuni li huwa spjega li kien jaf tnejn minnhom minn wicchom. Cortis irraporta li dawn in-nies tawh diversi daqqiet ta' sieq u huwa storda u li kellhom jintervjenu shabu sabiex iwaqqfu lil dawn in-nies milli jkomplu jaggreduh. Il-hbieb tal-imputat indikaw lil Pulizija li tnejn min-nies li aggredew lil Cortis setghu kienu Ryan u Anthony John Bugeja. Meta l-Pulizija tkellmu mat-tlett imputati dawn irrilaxxjaw stqarrijiet[1] fejn ghazlu li ma jikkonsultawx ma' avukat[2]. Dawn l-istqarrijiet gew rilaxxjati fil-presenza ta' omm kull wiehed mill-imputati peress li huma kienu minuri. Huma spjegaw li dakinhar tal-incident kienu qed jiehdu pizza f'Tas Sliema meta cemplulhom Tyrone Difesa u John Bugeja li huma huthom iz-zghar u qalulhom li kien hemm xi hadd hdejn in-Neptunes li qed isawwathom u meta marru fuq il-post bil-karozza tal-linja sabu lil Tyrone Difesa b'wiccu bid-demm ma' halqu u jibki u meta huma marru sabiex jaraw x'kien gralu mar fuqhom Samuel Cortis u staqsihom riedux xi haga u bdew jilletikaw fejn Cortis kien ser jaghti daqqa ta' ponn lil Ryan Bugeja izda ma laqtux u dan ghalhekk tah daqqa lura u laqtu f'wiccu u Cortis waqa' mal-art izda rega' qam u mbaghad kien Dwayne Difesa li tah daqqa f'wiccu u dan rega' waqa' mal-art u l-glieda waqfet hemm ghaliex huma gabru lil huthom iz-zghar u telqu l'hemm. L-imputati qalu li Cortis kien akkumpanjat minn madwar tmienja min-nies izda dawn ma ppartecipawx fil-glieda u kien biss Cortis li raw isawwat lil huhom Tyrone Difesa ta' tlettax-il (13) sena meta huma waslu fuq il-post.

Samuel Cortis xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2011 u waqt l-udjenza tat-2 ta' Settembru,

[1] Inseriti a fol. 20 sa 30 tal-atti processwali.
[2] Ara dikjarazzjonijiet relattivi a fol. 20, 23 u 30.

2011 fejn qal li fil-gurnata u hin in dizamina kien miexi ma' shabu hdejn in-Neptunes fejn ra lill-imputat Anthony Bugeja ghaddej u sellimlu ghaliex kien jafu u baqa' miexi u ftit minuti wara hass lil xi hadd jimbuttah minn wara u ntilef minn sensieh u meta rega' gie f'sensieh ra lill-imputati Ryan u Anthony Bugeja ghadhom qed isawtuh. Huwa kkonferma li bhala konsegwenza tal-incident sofra l-griehi ndikati f'Dok MB1 a fol 19 tal-atti processwali. In kontro ezami dan ix-xhud cahad li huwa kien sawwat lil John Bugeja u Tyrone Difesa. Samuel Cortis qal ukoll li qabel ma marru hdejn in-Neptunes hu u shabu kienu f'garaxx jixorbu u huwa kien xorob zewg tazzi whisky. Huwa qal ukoll li l-griehi li kellu kienu jikkonsistu fi frattura f'imniehru u fuq l-eyebrow u li ghadu jbaghti bl-ugigh ta' ras u jibza' johrog wahdu.

Meta xehdu l-hbieb ta' Samuel Cortis f'dawn il-proceduri Vukica Vukovic[3] qalet li ma rat xejn, Stefan Gamberovic[4] l-ewwel qal li ra lit-tlett imputati isawwtu lil Cortis izda mbaghad qal li jahseb li jaghraf wiehed minnhom biss, u cioe' lil Dwayne Difesa. Stacey Borg[5] qalet li huma kienu mexjin il-Balluta meta f'daqqa wahda semghat lil sehibha Samuel jghajjat u meta daret lura rat lit-tlett imputati jaghtuh f'rasu waqt li hu kien mal-art.

Meta xehed Tyrone Difesa, hu l-imputat Dwayne Difesa, waqt l-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2012 huwa qal li waqt li kien miexi ma' shabu John Bugeja hdejn in-Neptunes, Samuel Cortis u shabu qabdu maghhom u qabdu jiggieldu fejn Cortis tah daqqa ta' ponn u kissirlu bicca sinna. Ix-xhud jghid li ppanikja u cempel lil huh Dwayne u dan gie ma' shabu Ryan u Anthony Bugeja u nqalghet glieda fejn bdew jinghataw daqqiet ta' ponn miz-zewg nahat.

Dr. Conrad Borg li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2012 kkonferma l-kontentut tac-certifikat mediku nserit a fol 19 u qal li kien iccertifika l-griehi ta' Samuel Cortis bhala ta' natura gravi minhabba ksur fl-imnieher.

---

[3] Li xehdet fit-3 ta' Mejju, 2012
[4] Li xehed fit-3 ta' Mejju, 2012
[5] Li xehdet fit-3 ta' Mejju, 2012

L-imputat Dwayne Difesa ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju, 2013, qal li dakinhar tal-glieda kien il-birthday tieghu u huwa u shabu marru jiehdu pizza Tas Sliema. F'xi hin cempillu huh Tyrone li qallu li kienu qed isawwtuh il-Balluta u hu shabu ghalhekk marru l-Balluta fejn sabu lil Cortis u lil shabu li kienu grupp kbir qed jaghtu lil huh li kellu sinna mkissra u nqalghet glieda bejn iz-zewg gruppi. Huwa ammetta li kien ta daqqiet lil Samuel Cortis izda qal li ma jafx fejn laqtu.

L-imputat Anthony Bugeja wkoll xehed waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju, 2013 fejn ikkonferma l-verzjoni moghtija mill-ko-akkuzat Dwayne Difesa. Huwa qal li kien Samuel li ta l-ewwel daqqa. Huwa spjega li meta waslu fuq il-post wara li rcevew it-telefonata minghand huthom, l-ewwel marru jkellmu lil dawn tal-ahhar u dawn indikawlhom lil Samuel Cortis bhala l-persuna li sawwathom u mbaghad Ryan Bugeja mar ikellem lil Cortis u dan prova jaghtih daqqa u mbaghad nqalghet glieda li kien involut fiha hu wkoll. Huwa qal li waqfu jiggieldu minn jeddhom.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz fejn iz-zewg nahat involuti fil-glieda li tifforma l-mertu ta' din il-kawza taw verzjonijiet tal-fatti pjuttost kunfliggenti, din il-Qorti tinsab konvinta li l-verzjoni li tirrifletti l-verita' u cioe' dak li effettivament gara dakinhar hija dik moghtija mit-tlett imputati fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati a tempo vergine. Qabel xejn din il-Qorti tixtieq tippuntwalizza li ma tara l-ebda raguni l-ghala ghandha tiskarta dawn l-istqarrijiet kif qed tissuggerixxi d-Difiza u dan ghaliex ghalkemm huwa minnu li t-tlett imputati kienu minuri meta rrilaxxjaw l-istqarrijiet huma nghataw il-jedd li jikkonsultaw ma' avukat u dan fil-prezenza t'ommhom fejn huma rrifjutaw dan il-jedd u inoltre huma gew interrogati ukoll fil-presenza t'ommhom.

Din il-Qorti ssibha difficli temmen dak li qed isostni Samuel Cortis u cioe' li t-tlett imputati qabdu u attakkawh

ghal xejn b'xejn minghajr ma kienu jafuh u jidhrilha li huwa ferm aktar verosimili dak li qalu l-imputati a tempo vergine li huma hebbu ghal Cortis ghaliex huthom iz-zghar kienu ghadhom kemm cemplulhom u qalulhom li Cortis kien weggaghhom. It-tlett imputati fl-istqarrijiet ilkoll jghidu li taw daqqiet ta' ponn u li hebbu ghal Cortis fejn waqqghuh mal-art u l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li t-tlett imputati kkagunaw griehi ta' natura gravi skont ma ccertifika Dr. Conrad Borg lil Samuel Cortis u dan minhabba dak li kien ghadu kemm ghamel lil huthom. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova biss li n-natura tal-girehi li sofra Cortis kellhom il-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 216 izda mhux fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha wkoll li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li kien hemm ksur ta' buon ordni u paci pubblika mill-imputati.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ghandhom fedina penali nadifa, kkunsidrat ukoll il-fatt li huma kienu lkoll minuri meta kkommettew ir-reati li taghhom qed jinstabu hatja u kkunsidrat ukoll il-fatt li huma agixxew b'dan il-mod wara li Cortis kien ghad kemm attakka lil huthom izghar minnhom u ghalkemm b'dan il-mod il-Qorti mhux qed tiggustifika l-agir tal-imputati jidhrilha li fic-cirkostanzi ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju datata 7 ta' Settembru, 2012 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 216 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------